MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 506/2007

**Liqourish Productions Limited (C 34938)**

**Vs**

**Fitness Factory Limited (C 35472)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ elf, mija u tmenin Euro (€1,180.00), hames mija u sitt liri Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm506.57), rapprezentanti hlasijiet dovuti ghal servizz ta’ spots televizivi pprovduti lis-socjeta’ konvenuta fuq il-programm televiziv Liquorish abbazi tal-fatturi numru 24/05 u 07/06 (kopji annessi mat-talba u mmarkati bhala Dok L1 u L2).

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 16 ta’ Novembru, 2006 u imghax legali mid-data ta’ l-ittra ufficjali msemmija sad-data tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta’ konvenuta li hija nhubta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ elf, mija u tmenin Euro (€1,180.00), hames mija u sitt liri Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm506.57) bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------